IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru7 (Ħamsa) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru, 2024, fil-5pm

| **Preżenti:** | Il-Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**7.1. Item Nru 7.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

7.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.21pm u s-Segretarju informa li l-Viċi Sindku jinsab ma jiflaħx u s-Sa. Mary Doris Borg kellha tattendi konferenza tal-Kunsill tat-tfal f'isem il-Kunsill fl-istess ħin.

**7.2 Item Nru. 7.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

7.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati unanimament.

**7.3 Item Nru. 7.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.3.1 Is-Sindku qal li tal-BCRS infurmawna li ser jinstallaw magna fil-pjazza ta' quddiem il-Kunsill u l-iskola. Dawn għandhom jinfurmawna fil-jiem li ġejjin bid-data ta' meta ser iġibuha. M'hemm l-ebda oġġezzjoni mis-suretendenza li ssir flok il-Bring in site. L-iskola

bdew igergru minħabba l-parking. Nistgħu nagħmluha bit-timer biex fil-ħin tad dħul u ħruġ tal-iskola ma tkunx tista titħaddem.

Ma tistax issir fejn id-djar minħabba l-istorbju li tagħmel meta titħaddem.

Kulħadd qabel li ssir flok il-Bring in site u l-bins imorru mil-parġett li huwa assenjat għal Kunsill fir-rokna.

7.3.2 Is-Sindku qal li ser jibdew jitqassmu l-karti max-Xgħajra kollha tar-riċeviment ta' nhar is-27 ta' Diċembru fejn kulħadd huwa mistieden.

7.3.3 Is-Sur Attard qal li fuq il-ħajt ta' Triq l-Awrat għandna l-Planning Number tal-PA. Huma ser jagħmlu biss iċ-ċint u għalhekk il-fence irid isir b'mod ieħor.

7.3.4 Is-Sindku qal li l-bandli hemm bżonn li nżidu camera oħra minħabba l-vantaliżmu fuq iċ-ċint minn żgħażagħ.

7.3.5 Is-Sindku tkellem fuq il-kunsill tat-tfal li qed tattendi Doris għaliha u dawn ser ikunu ezatt bħal kunsill lokali imma kompost mit-tfal. Għal aktar dettalji nistennew għal laqgħa li jmiss biex tgħidilna iktar dwarha Doris.

7.3.6 Is-Sindku qal li dwar il-fondi tal-iskart li ħallasna żejjed għandhom iħallsuna tagħhom dis-sena pero l-fondi l-ammont li ħallasna fuq periti u permessi dwar il-Jogging Track id-DLG infurmawna li ser jiċċekkjaw jekk għadux ser isir.

7.3.7 Is-Sindku qal li dwar il-problema li għandna tal-ilma fil-hall ta' taħt il-bandli għandna quotations ta' madwar €13,000. Kif tkellimna fil-laqgħa preċedenti minħabba l-urġenza ta' din il-problema ser nitolbu lid-DLG sabiex issir b'Direct Order minkejja li ġibna aktar minn stima waħda.

7.3.8 Is-Sindku tkellem fuq attivita b'kollaborazzjoni mal-iskola billi nixtru kotba f'kull klassi u ngħinuhom fil-party tat-tfal. Kien hemm qbil li nikkollaboraw b'€500.

7.3.9 Is-Sur Attard qal li dwar it-testijiet tal-baħar bħalissa mhux żmien ideali u kien hemm qbil biex imbgħad issir qabel is-Sajf.

7.3.10 Is-Sindku qal li l-ikla tal-istaff ser issir fid-19 ta' Diċembru wara nofs in-nhar.

7.3.11 Is-Sindku qal li tal-Paddel Court irridu noħorġu l-Concession template u l-ewwel irid japprova d-DLG imbgħad id-DOC u tkun għal 6 snin u mbgħad tiġġedded għal 6 snin oħra.

7.3.12 Is-Sindku qal li għadna kif għamilna kuntratt mal-Public Works sabiex isir id-dawl tax-Xatt kollu solar.

7.3.13 Is-Sindku qal li għandna ħaddiem tal-CWS li talab sabiex ikollu xi inċentiv talli qed jagħmel xogħol manwali extra. Kulħadd qabel ma dan l-inċentiv li bih inkunu qed inħeġġuhom li jagħtu aktar xogħol mil-qalb.

**7.4 Item Nru 7.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

7.4.1 Is-Sur Raymond Duncan qal li tal-pjanti ser nikkonfermawlhom li jistgħu jibdew ix-xogħol.

7.4.2 Is-Sur Duncan qal li kellmitu residenta u qaltlu li mindu saret it-triq quddiem misraħ il-Ħelsien l-ilma qed jaqleb fid-drive-in tagħha. Il-Kunsill qabel li nagħmlu tipo sleeping police żgħira biex l-ilma jibqa nieżel Triq il-Knisja.

7.4.3 Is-Sur Raymond Duncan qal li kelmitu residenta oħra li hemm problema fejn iċ-Chargin point ta' Dawret ix-Xatt li meta jekk jiltaqgħu żewġ karozzi tal-linja jeħlu għalhekk staqsa jekk tistax tiċċekken il-bankina li hemm.

Fl-istess post stess hemm xi ħofor li nistgħu nieħdu azzjoni fuqhom b'naqa tarmac.

7.4.4 Is-Sur Duncan qal li attenda għal laqgħa tas-SEM u qal li hemm fondi li jistgħu jiġu utilizzati mil-Kunsilli. Hu staqsa jekk jistgħux jiġu utilizzati minn Kunsilli li jkunu f'Deficit. Dawn qaluli li qabel ma stajtx imma illum tista billi jkollok backup mid-DLG.

Hu kompla u qal li għal aktar informazzjoni fid-dettal hemm il-Website li hija informattiva.

7.4.5 Is-Sa. Antonia Buttigieg qalet li max-xatt hemm problema li l-ilma tax-xita fejn il-latrina l-ilma qed iżomm ħafna u n-nies lanqas ikunu jistgħu joħorġu mid-djar. Il-Kunsill qabel li nkellmu lil Infrastruttura Malta sabiex isir xi culvert. Il-culvert li hemm bħalissa huwa żgħir wisq u mhux ilaħħaq. Is-Segretarju qal li mhux xi ħaġa li ssir mil-Kunsill minħabba l-perikolożita tagħha li jkun fiha.

7.4.6 Is-Sa Buttiġieġ qalet li l-latrina in-naħa tal-irġiel għada tinsab magħluqa u staqsiet għaliex. Is-Sindku spjega li hemm problema fis-sensor tal-flushing li l-kuntrattur qed jistenna l-parts minn barra.

7.4.7 Is-Sa Buttigieg staqsiet nistgħux nagħlqu l-biċċa ta' Triq il-Knisja in-naħa ta' fuq minn naħa ta' Triq Lapsi.

7.4.8 Is-Sa Antonia Buttigieg staqsiet jekk nistgħux nibgħatu ittra lir-residenti ta' Triq Santa Tereża għaliex qed iħallu l-boroż tal-iskart fejn il-monument tal-Helsien eżatt quddiem il-Knisja.

IX-XGHAJRA

7.4.9 Is-Sa Antonia Buttigieg staqsiet x'hemm flus allokati għal Kultura. Is-Segretarju Ezekuttiv qalla li għas sena d-dieħla indaħħlu ammont fil-budget biex ikunu jistgħu jintużaw għal Kultura fuq trasport etc.

7.4.10 Is-Sur Duncan staqsa dwar ir-railing tax-xatt jekk hemmx xi update. Is-Sindku qal li ma smajna xejn iktar.

7.4.11 Is-Sa Buttigieg staqsiet dwar il-garage ta' fejn il-librerija jekk tistax tużah biex tiltaqa' ma' xi helpers jew residenti. Is-Sindku qal pero li jrid ikun xi ħaġa ta' Edukazzjoni jew sessjoni informattiva.

7.4.12 Is-Sur Duncan staqsa jekk jistax jibqa jkun involut fuq dawn il-laqgħat dwar fondi tal-Ewropa minħabba li mhux id-dekasteru tiegħu. Is-Sindku qallu li ser jirranga d-dekasteri u ser jinkludi lis-Sur Duncan bħala jassisti fuq fondi Ewropej.

7.4.13 Is-Sa. Buttigieg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu bandla tad-disabled xi mkien. Is-Sindku qal li rridu nagħmlu applikazzjoni u mhux just kemm inwaħħlu bandla.

**7.5 Item Nru. 7.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

7.5.1 Dwar ir-rapport tat-tielet kwart l-Accountant jinsab ma' jiflaħx u ser jattendi għal-laqgħa li jmiss.

**7.6 Item Nru. 7.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

7.6.1 Is-Segretarju qal li fl-20 ta' Diċembru ser issir attivita għal anzjani organizzata minn Doris Borg u ser imorru iżuru xi presepji.

**7.7 Item Nru. 7.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

7.8.1 Pagamenti b'numru 6 ġew approvati unanimament.

**7.8 Item Nru. 7.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

7.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**7.9 Item Nru. 7.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

7.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-6.42pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar fil-5pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |